SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

17 ta' Diċembru 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Direttiva 2002/20/KE — Artikoli 12 u 13 — Ħlasijiet amministrattivi — Tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet — Kamp ta' applikazzjoni — Leġiżlazzjoni komunali — Taxxa fuq l-antenni għat-telefon mobbli"

Fil-Kawża C-454/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal de première instance de Brussell (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Awwissu 2013, fil-proċedura

Proximus SA, li kienet Belgacom SA,

vs

Commune d'Etterbeek,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tat-Tieni Awla, li qed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, C. Toader, D. Šváby, E. Jarašiūnas (Relatur) u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Settembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Proximus SA, li kienet Belgacom SA, minn B. Den Tandt u H. De Bauw, avukati,

— għall-commune d'Etterbeek, minn I. Lemineur, P. Vassart u T. Swennen, avukati,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Hottiaux u L. Nicolae, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Proximus SA, li kienet Belgacom SA, u l-belt ta' Etterbeek (il-Belġju) dwar taxxa fuq l-antenni għat-telefon mobbli installati fit-territorju tal-imsemmija belt.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni", bit-titolu "Mira u kamp ta' applikazzjoni", jistabbilixxi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-awtorizzazzjonijiet għall-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi."

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Tifsiriet", jipprovdi, fil-paragrafu (2)(a) tiegħu, li l-kunċett ta' "awtorizzazzjoni ġenerali" għandu jinftiehem bħala "qafas legali stabbilit mill-Istat Membru li jiżgura d-drittijiet għall-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li jistipula obbligi speċifiċi għas-settur li jistgħu japplikaw għat-tipi kollha jew għal tipi speċifiċi ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi, skond din id-Direttiva".

5 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva jirrigwarda l-ħlasijiet amministrattivi li l-Istati Membri huma awtorizzati li jimponu fuq impriżi li jfornu servizz jew network taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu kif ukoll fuq il-modalitajiet tal-impożizzjoni ta' dawn it-taxxi.

6 Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni", intitolat "Tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet":

"L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità relevanti li timponi tariffi għad-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jiġu stallati faċilitajiet fi, minfuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aqwa użu ta' dawn ir-riżorsi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni ma' l-iskop maħsub tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-miri f'Artikolu 8 tad-[Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 29, p. 349)]."

Id-dritt Belġjan

7 Fis-26 ta' Frar 2007, il-kunsill komunali tal-belt ta' Etterbeek adotta regolament tat-taxxa li jistabbilixxi taxxa annwali fuq l-antenni għat-telefon mobbli (iktar 'il quddiem ir-"regolament tat-taxxa"), applikabbli mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

8 Ir-regolament tat-taxxa jispeċifika, fl-Artikolu 1 tiegħu, li din it-taxxa tapplika għall-"antenni għat-telefon mobbli installati fit-territorju tal-belt ta' Etterbeek" u li l-kunċett ta' "antenna għat-telefon mobbli" isemmi "kull antenna li tittrasmetti jew tirċievi u tgħaddi mewġ elettromanjetiku li jippermetti t-telefon mobbli, marbut jew le ma' stazzjon separat, fiss jew le ma' arblu jew pilun".

9 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament tat-taxxa jipprovdi li l-ammont tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa ta' EUR 4 000 għal kull sena u għal kull unità, peress li l-Artikolu 3 tiegħu jispeċifika li dan l-ammont ser ikun indiċjat b'2 % kull sena.

10 Skont l-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament tat-taxxa, din it-taxxa "hija dovuta *in solidum* minn kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli. F'każ ta' diviżjoni jew ta' sfruttament tal-istess antenna minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi, it-taxxa hija dovuta *in solidum* mill-ko-proprjetarji u sidien konġunti ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11 Mill-fajl sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li Belgacom SA, li għad-drittijiet tagħha saret Proximus SA, hija l-operatur ta' netwerk pubbliku ta' telekomunikazzjonijiet u li hija, għalhekk, proprjetarja u operatur tal-antenni għat-telefon mobbli installati fit-territorju tal-belt ta' Etterbeek.

12 L-awtoritajiet tal-belt ta' Etterbeek ħarġu, abbażi tar-regolament tat-taxxa, avviżi-estratti tar-rwol li jissuġġetta lil Belgacom Mobile SA għat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali skont is-sena ta' tassazzjoni 2009, għal ammont totali ta' EUR 108201.60. Dawn l-avviżi-estratti tar-rwol kienu s-suġġett ta' lment quddiem il-kulleġġ tas-Sindku u l-maġistrati tal-belt ta' Etterbeek. Peress li dan ġie miċħud, Belgacom SA ppreżentat rikors quddiem it-tribunal tal-ewwel istanza ta' Brussell.

13 Insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-qorti tar-rinviju, Belgacom SA argumentat li l-avviżi-estratti tar-rwol inkwistjoni ma humiex kompatibbli mad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni" sa fejn din id-direttiva tipprojbixxi t-taxxi kollha li għalihom huma responsabbli l-operaturi tat-telefon mobbli minbarra dawk imsemmija mill-Artikoli 12 u 13 tagħha. Fil-fehma tagħha, it-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", fid-dawl tal-fatt li l-antenni għat-telefon mobbli jikkostitwixxu "riżorsi", fis-sens ta' din id-direttiva. Madankollu, din it-taxxa ma tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva.

14 Il-belt ta' Etterbeek sostna li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni" jintrabat biss mad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerks. Fil-fehma tiegħu, it-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali la hija tariffa msemmija fl-Artikolu 13 tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni" u lanqas ma hija taxxa msemmija fl-Artikolu 12 ta' din id-direttiva. Tirrigwarda taxxa fuq attività ekonomika, determinata b'riferiment għall-post ta' antenni fit-territorju tal-belt, indipendentement minn kull awtorizzazzjoni għal installazzjoni ta' riżorsi.

15 Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-qorti tar-rinviju għandha dubju fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni" fil-kawża prinċipali.

16 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal de première instance de Bruxelles iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva ['ta' Awtorizzazzjoni'] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li leġiżlazzjoni ta' awtorità nazzjonali jew ta' awtorità lokali tistabbilixxi, għal finijiet baġitarji, taxxa fuq l-infrastrutturi ta' komunikazzjonijiet mobbli li jkunu stabbiliti fuq proprjetà pubblika jew privata u li jintużaw fil-kuntest tal-isfruttament ta' attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni ġenerali?"

Fuq id-domanda preliminari

17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, jekk l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun imposta fuq kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli.

18 Għandu jitfakkar, preliminarjament, li, bis-saħħa tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", din id-direttiva għandha tapplika għall-awtorizzazzjonijiet għall-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

19 Din id-direttiva ma tipprovdix biss regoli dwar il-proċeduri ta' għoti tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali jew tad-drittijiet ta' użu tar-radjufrekwenzi jew tan-numru jew mal-kontenut tagħhom, iżda wkoll regoli dwar in-natura, jew saħansitra mal-wisgħa, tal-ispejjeż pekunjarji, marbuta mal-imsemmija proċeduri, li l-Istati Membri jistgħu jimponu lill-impriżi fis-settur tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ara s-sentenzi Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 29, kif ukoll Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 15).

20 B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", l-Istati Membri ma jistgħux jiġbru taxxi jew tariffi oħra fuq il-provvista ta' netwerks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi minbarra dawk previsti minn din id-direttiva (sentenza Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 16; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi, Vodafone España u France Telecom España, C-55/11, C-57/11 u C-58/11,EU:C:2012:446, punti 28 u 29, kif ukoll Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 30).

21 Minn dan isegwi li, sabiex id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" japplikaw għal taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-fatt li jagħti lok għaliha għandu jkun marbut mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ġenerali, li skont l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni", tiggarantixxi d-dritt ta' provvista ta' netwerks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (sentenza Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 17; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Fratelli De Pra u SAIV, C-416/14, EU:C:2015:617, punt 41; Il-Kummissjoni vs Franza, C-485/11, EU:C:2013:427, punti 30, 31 u 34; kif ukoll Vodafone Malta u Mobisle Communications, C-71/12, EU:C:2013:431, punti 24 u 25).

22 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fir-rigward tal-Artikolu 12 tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", miżata, li l-fatt li jagħti lok għaliha ma jkunx marbut mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ġenerali li permezz tagħha jista' jinkiseb aċċess għas-suq tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 12 (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Vodafone Malta u Mobisle Communications, C-71/12, EU:C:2013:431, punt 25, kif ukoll Fratelli De Pra u SAIV, C-416/14, EU:C:2015:617, punt 41).

23 Fir-rigward tal-Artikolu 13 tad-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-dispożizzjoni ma ssemmix it-tariffi kollha li għalihom huma suġġetti l-infrastrutturi li jippermettu l-provvista ta' netwerks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (sentenzi Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 34, kif ukoll Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 18).

24 Fil-fatt, dan l-artikolu jikkonċerna l-modalitajiet ta' ssuġġettar għal tariffi għad-drittijiet ta' użu tar-radjufrekwenzi jew tan-numri jew tad-drittijiet sabiex jitqiegħdu riżorsi fuq jew taħt beni pubbliċi jew privati (sentenzi Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 31, kif ukoll Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 19).

25 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali "hija dovuta *in solidum* minn kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli", jiġifieri "kull antenna li tittrasmetti jew tirċievi u tgħaddi mewġ elettromanjetiku li jippermetti t-telefon mobbli, marbut jew le ma' stazzjon separat, fiss jew le ma' arblu jew pilun","installat fit-territorju tal-belt ta' Etterbeek".

26 Kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt taxxabbli ta' din it-taxxa, li huwa impost fuq kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli, kemm jekk hija jew le proprjetarja ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont id-Direttiva "ta' awtorizzazzjoni", ma tidhirx marbuta mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ġenerali li tippermetti l-impriżi li jipprovdu netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li huwa madankollu l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika.

27 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kliem "faċilitajiet [riżorsi]" u l-espressjoni "installazzjoni" użati fl-Artikolu 13 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" jirreferu, rispettivament, għall-infrastruttura materjali li tippermetti l-provvista ta' netwerks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u l-installazzjoni materjali tagħhom fuq il-proprjetà pubblika jew privata kkonċernata (sentenzi Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 33, kif ukoll Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 21).

28 B'hekk, għalkemm it-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkun imposta fuq kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli, li jikkostitwixxi infrastruttura materjali li tippermetti l-forniment ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ma jidhirx li l-imsemmija taxxa tippreżenta l-karatteristiċi ta' tariffa li tkun imposta fuq l-impriżi li jipprovdu netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi inkambju tad-dritt li jistabbilixxu riżorsi.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni" għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun imposta fuq kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli.

Fuq l-ispejjeż

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva "ta' Awtorizzazzjoni") għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun imposta fuq kull persuna fiżika jew ġuridika li hija proprjetarja ta' dritt reali jew dritt ta' sfruttament fuq antenna għat-telefon mobbli.

Firem